**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-INFORMATIKA, TEKNOLOĠIJA U INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**LAQGĦA NRU 1**

**It-Tlieta, 2 ta' Diċemrbru 2025**

Il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-3.47p.m.

L-Onor. Ray Abela, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Jerome Caruana Cilia.

**KORRISPONDENZA**

L-Onor. Ray Abela poġġa fuq il-Mejda tal-Kumitat:

Dok 1 – AI for Parliamentarians

Il-President tal-Kumitat tkellem fuq l-inizjattiva li hu stess għadda lill-Ispeaker, u l-Ispeaker ta l-approvazzjoni tiegħu, biex bis-saħħa tal-Fakulta tal-ICT tal-Università ta' Malta, isir taħriġ, kemm għall-Membri Parlamentari kif ukoll għall-istaff li jaħdem fil-Parlament, fl-oqsma relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali fuq il-post tax-xogħol u biex dan ikun ta' għajnuna fix-xogħol li jwettqu. L-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Jerome Caruana Cilia u l-Onor. Naomi Cachia kollha approvaw din l-inizjattiva u qablu magħha.

Il-Kumitat għadda għat-tieni item fuq l-Aġenda fejn l-Onor. Ray Abela poġġa fuq il-Mejda tal-Kumitat:

Dok 2 – Aġenda għall-Kumitat (datat Diċembru 2025 sa Ġunju 2026)

Iċ-Chairperson ta ftit ħin biex il-membri jaraw l-aġenda kif proposta mill-President tal-Kumitat.

L-Onor. Jerome Caruana Cilia u l-Onor. Abigail Camilleri qablu mal-ġist tal-programm mħejji u rimarkaw li fejn hemm entitajiet żgħar mistiedna, jistgħu jingħaqdu f'laqgħa waħda. Kien hemm qbil fuq dan.

L-Onor. Ray Abela semma wkoll istanzi fejn laqgħat jsiru barra mill-binja tal-Parlament biex ikunu jistgħu jaraw il-ħidma ta' xi entitajiet f'dan il-qasam. Hawnhekk, l-Onor. Abela talab biex jekk membru mill-kumitat jattendi għal xi laqgħa jew fora li għandu x'jaqsam mal-qasam tal-kumitat, jirrapporta fil-Kumitat b'dak li jkun sar jew intqal.

Qabel ma għalaq il-kumitat, l-Onor. Ray Abela qassam dokument:

Dok 3 – AI and Digital Tourism Conference – November 2025

Fl-4:02pm, il-Kumitat aġġorna għal laqgħa oħra b'aġenda li kienet se tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. RAY ABELA, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**